C/2024/3842

14.6.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11532 - ICG / HOLDING URIACH / URIACH / INELDEA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3842)

1. Fl-10 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Intermediate Capital Group plc ("ICG", ir-Renju Unit),

— Corporación J. Uriach, S.A. ("Holding Uriach", Spanja),

— Grupo J. Uriach, S.L.U. ("Uriach", Spanja),

— PAM Invest-Ineldea Santé SAS ("Ineldea", Franza).

ICG u Holding Uriach se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Uriach u Ineldea.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— ICG huwa maniġer tal-assi alternattivi globali f'ekwità strutturata u privata, dejn privat, assi reali, u kreditu bbażat fir-Renju Unit bi preżenza fl-Ewropa, l-Asja u l-Paċifiku u l-Istati Uniti,

— Holding Uriach hija l-kumpanija azzjonarja li permezz tagħha l-membri tal-familja Uriach iżommu l-interess tagħhom f'Uriach. Hija sempliċi kumpanija azzjonarja li ma twettaq l-ebda attività, u attwalment għandha kontroll esklużiv fuq Uriach,

— Uriach, li tappartjeni għal grupp ta' kumpaniji (il-Grupp Uriach), hija attiva fil-kummerċjalizzazzjoni tal-farmaċewtiċi tad-doża lesta mingħajr riċetta tat-tabib (OTC) u fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-kura tas-saħħa tal-konsumatur, bħal supplimenti tal-ikel, kożmetiċi kif ukoll prodotti naturali distribwiti permezz tal-pjattaforma online tagħhom, "Naturitas". Permezz ta' din il-pjattaforma, toffri firxa wiesgħa ta' oġġetti, inklużi supplimenti tal-ikel, kożmetiċi, prodotti tad-dar, prodotti relatati mat-trabi, u prodotti tal-ikel naturali/organiċi,

— Ineldea, li tappartjeni għal grupp ta' kumpaniji (il-Grupp Ineldea), hija attiva fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' supplimenti tal-ikel naturali, kożmetiċi, kura personali u prodotti relatati oħra prinċipalment fi Franza, iżda wkoll f'diversi Stati Membri tal-UE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11532 - ICG / HOLDING URIACH / URIACH / INELDEA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË